Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,370, 20 ta' Marzu, 2020
Taqsima B

A.L. 92 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Ordni tal-2020 dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Marzu, 2020.

Estensjoni lejn il-pajjiżi kollha. L.S. 465. 15.

2. B'konformità mal-proviso tal-artikolu 2(2) tal-Ordni dwar il-Projbizzjoni dwar it-Trasferiment, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan testendi l-ordni ta' projbizzjoni tal-ivjaġġar fuq persuni lejn Malta u minn Malta lejn u mill-pajjiżi kollha.

Iżda:

(a) titjiriet għal ġarr ta' kull merkanzija, *ferry flights*, titjiriet umanitarji, u titjiriet ta' ripatriazzjoni għandhom ikunu eżenti minn dan l-ordni;

(b) bastimenti tal-merkanzija, inkluż bastimenti tal-kontejners u vapuri tat-tip ro-ro li jġorru bżonnijiet u kommoditajiet essenzjali u tankers mgħobbija bi *fuels* essenzjali huma eżentati minn dan l-ordni; u

(ċ) is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista', fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, toħroġ eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni, b'avviż fil-Gazzetta, fejn, fl-opinjoni tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, l-ivvjaġġar ta' ċerti persuni jew bżonnijiet huwa meqjus li jkun essenzjali.